- ***RAPPRESENTANZA TA' SOCJETA' –***
- ***ATT XXV TAL-1995 –***
- ***PERSONALITA' GURIDIKA DISTINTA MILL-MEMBRI TAGHHA -***
- ***LEGITTIMU KONTRADITTUR –***
- ***DERIVATIVE CLAIMS –***
- ***ARTIKOLI 4, 137, 141, 214, 218 228, U 402 TAL-ATT XXV 1995 –***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 12 ta' Dicembru 2001.**

**Kawza Numru: 25**
**Citazzjoni Numru: 3384/96/RCP**

**Meatland Company Limited, Louis Cuschieri Maria Dolores Aquilina u kif ukoll Joseph Aquilina u Maria Dolores Cuschieri ghal kull interess li jista' jkollhom**

**vs**

**Saviour Micallef**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kollha hlief ghall-atturi Joseph Aquilina u Maria Dolores Cuschieri huma *"Shareholders"* tas-socjeta` attrici Meatland Company Limited;

Illi l-istess socjeta` ilha zmien twil ma tiffunzjoni;

Illi l-konvenut kien gie msejjah diversi drabi biex jattendi ghal laqgha generali straordinarja halli tigi diskussa l-qaghda finanzjarja tas-socjeta` u ghal eventwali decizjoni ghal likwidazzjoni tal-istess pero` huwa baqa' ma tfacca qatt;

Illi din is-socjeta` ghandha diversi krendituri fosthom il-Bank of Valletta li difatti ntavolat kawza kemm kontra taghha bhala debituri principali kif ukoll kontra l-kontendenti l-ohra proprio bhala *garanti in solidum* fejn l-istess Bank qed jippretendi minghandhom kreditu fl-ammont ta' cirka disgha u ghoxrin elf lira maltija (Lm29,000) u liema kawza tinsab differita quddiem il-Qorti tal-Appell (Citazz Nru 502/91/FGC).

Illi l-unici assi tas-socjeta` kien jikkonsisti fil-makkinarju u f'diversi effetti mobbli ohra li lkoll jiswew eluf kbar ta' flus;

Illi l-istess socjeta` attrici kienet dahlet fi ftehim ma terzi sabiex tissuplixxi laham processat minnha;

Illi l-konvenut ippossess ruhu indebitament mill-makkinarju u effetti mobbli kollha li kellha l-istess socjeta;

Illi inoltre l-konvenut qed jaghmel uzu mill-istess makkinarju u effetti mobbli tas-socjeta` ghal gwadann esklussiv tieghu personali u dan minghajr il-kunsens u kontra r-rieda tal-istess atturi;

Illi l-konvenut qieghed inoltre jahdem ghal qliegh tieghu personali u jissuplixxi laham processat lil terzi persuni fuq negozju li kien gie kkontrattat ma l-istess socjeta` attrici u mhux mal-konvenut personalment;

Illi dan jikkostitwixxi agir abbusiv u illegali da parti tal-konvenut a skapitu u bi pregudizzju serju ghall-atturi kollha;

Illi dan l-istess agir qed jikkawza wkoll danni lill-atturi kollha partikolarment in vista tal-fatt li l-atturi proprio dahlu garanti personali ghad-dejn tas-socjeta` attrici;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikajra li l-agir tal-konvenut huwa abbusiv u llegali fil-konfront ta' l-atturi kollha;

2. Tiddikjara li bl-istess agir tieghu, il-konvenut qed jirreka a favur tieghu arrikkiment indebitu a skapitu u bi pregudizzju ghall-atturi u kif ukoll jikkaguna danni lill-istess atturi;

3. Tillikwida l-istess arrikkiment indebitu u d-danni kagunati minnu;

4. Tikkundannah jirrifondi l-ammont ta' arrikkiment indebitu likwidat oltre li jhallas d-danni likwidati lill-atturi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali datata 30 ta' Jannar 1996 u bl-interessi legali kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt sabiex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Saviour Micallef (fol. 9 tal-process) fejn gie eccepit:

(1) Illi s-socjeta` attrici ma setghatx tistitwixxi din l-istanza peress li d-diretturi kollha nkluzi l-atturi ilhom zmien li rrizenjaw u ma gewx sostitwiti b'diretturi ohra.

(2) Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-atturi qua azzjonisti ma' setghux jistitwixxu din il-kawza ghas-semplici

raguni illi kull azzjoni talvolta relatata mal-assi socjali tispetta lis-socjeta' u mhux lill-azzjonisti.

(3) Illi inoltre l-eccipjent ma' ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi.

(4) Illi fil-meritu n-negozju li qieghed jaghmel l-attur qieghed jaghmlu f'ismu u fl-interess tieghu bil-makkinarju tieghu u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.9 tal-process.

Rat il-verbali tal-11 ta' Lulju 1997, tas-27 ta' Frar 1998 fejn Dr Raphael Fenech Adami ddikjara li l-oggetti u l-effetti mobbli imsemmija fil-korp tac-citazzjoni huma proprjeta tas-socjeta` attrici, tal-11 ta' Mejju 1998, tas-17 ta' Gunju 1998, tat-2 ta' Dicembru 1998 fejn l-atturi u d-difensur taghhom msejhin tlett darbiet baqghu ma dehrux u l-kawza marret *sine die.*

Rat ir-rikors tal-attur tas-26 ta' Frar 1999 u d-digriet tal-Qorti ta' l-1 ta' Marzu 1999 fejn appuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-22 ta' Novembru 1999.

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 1999 fejn Dr Vincent Falzon ghall-konvenut talab li jipprezenta Nota tal-Osservazzjonijiet fir-rigward tal-ewwel tlett eccezzjonjiiet

tal-konvenut, il-kawza giet differita ghad-29 ta' Marzu 2000 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut tas-7 ta' Jannar 2000 (fol 23 tal-process).

Rat il-verbali tad-29 ta' Marzu 2000, tal-21 ta' Gunju 2000, tat-28 ta' Novembru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghall-15 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal tal-15 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza peress li sabiex tigi determinata l-ewwel eccezzjoni kellhom jigu esebiti il-Memorandum of Articles of Association tas-socjeta` attrici u provi dwar ir-rizenja o meno tad-diretturi. Il-kawza giet differita biex isiru l-istess provi tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni ghall-25 ta' April 2001.

Rat il-verbal tal-25 t'April 2001 fejn xehdet Lea Gaffari u l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghall-5 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tal-5 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza stante li l-Memorandum u l-Articles of Association tas-socjeta` attrici mhux prezentati ghalkemm fix-xhieda ta' Lea Gaffari hu ndikat bhala Dok VF1. Il-kawza giet differita biex jigi esebit dan id-dokument

u ghall-finali trattazzjoni fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet ghall-11 ta' Ottubru 2001.

Rat il-verbal tal-11 t'Ottubru 2001 fejn xehdet Lea Gaffari. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-12 ta' Dicembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A. L-AZZJONI ATTRICI.

Illi s-socjeta' attrici u zewg azzjonisti tal-istess socjeta', flimkien mal-konjugi rispettivi taghhom ghamlu din il-kawza kontra azzjonista iehor tal-istess socjeta', l-konvenut odjern, stante li qed isostnu li l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi naqqas li jattendi ghall-laqgha generali inkluz sabiex tigi likwidata l-istess socjeta' minhabba li ilha ma topera zmien twil, baqa' inadampjenti; u wkoll ghaliex l-istess socjeta' ghandha diversi kredituri inkluz l-Bank of Valletta p.l.c ghall-kreditu ta' Lm29,000, li tieghu l-atturi huma *inter alia* garanti personalment, u fil-fatt l-istess bank fetah kawza kontra l-istess socjeta' u l-kontendenti (Citaz. Numru. 502/91/FGC), u minhabba l-fatt li l-konvenut approprija ruhu mill-makkinarju tal-kumpanija li

jiswa flus sostanzjali u qed jaghmel uzu mill-istess makkinarju ghall-gwaddan esklussiv tieghu l-atturi soffrew danni minhabba l-fatt li socjeta' attrici kienet dahlet fi ftehim ma terzi sabiex tissuplixxi laham processat, li minflok qed jigi supplit mill-konvenut abbuzivament, u dan kollu qed jikkawza danni anke lill-atturi personalment stante li huma dahlu garanti tal-istess debiti tal-istess socjeta', w allura qed jigi mitlub sabiex il-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni ikkawzati lill-atturi kollha, jigi dikjarat li l-konvenut irreka favur tieghu arrikiment indebitu bi pregudizzju ghall-atturi kollha, kif ukoll ikkawza danni lill-istess atturi, u fl-ahharnet sabiex il-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-istess ammont likwidat ta' danni u arrikkiment indebitu lill-atturi.

**B. <u>RAPPRESENTANZA TAL-ISTESS SOCJETA'.</u>**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li s-socjeta' ma setghatx taghmel din il-kawza stante li d-diretturi taghha irrezenjaw kollha zmien ilu u qatt ma gew sostitwiti b'diretturi ohra.

Illi bhala provi jirrizulta li fil-fatt l-istess socjeta' giet registrata fil-5 ta' Novembru 1987 u kellha zewg diretturi, l-attur Louis Cuschieri u l-konvenut Saviour Micallef, kif jirrizulta mill-*Memorandum of Articles* tal-istess socjeta' esebit bhala Dok. "LG", b'dan pero' li jirrizulta wkoll mill-istess dokument li a tenur tal-**artikolu 128 tal-Commercial**

**Partnerships Ordinance 1962,** li kienet dak iz-zmien vigenti Louis Cuschieri irrezenja minn direttur tal-istess socjeta' fit-8 ta' Marzu 1991, mentri l-konvenut irrezenja minn direttur tal-istess kumpanija fis-26 ta' Gunju 1991.

Illi dan ifisser li l-istess socjeta' ilha bla diretturi mis-sena 1991 u tenut kont tal-fatt li skond l-*Articles of Association* u precizament il-paragrafu 32 tal-istess jipprovdi li *"the judicial representantion of the Company is vested in any two Directors unless otherwise decided by an ordinary resolution taken by the Company in General Meeting",* isegwi li la darba l-istess kumpanija ma appuntat l-ebda diretturi sabiex jirrapresentawa anke gudizzjarjament, mela allura din il-kawza ma setghatx tigi istitwita lanqas mill-membri taghha *qua* azzjonisti tal-istess socjeta', stante li huwa l-istess att formattiv li jistabbilixxi min ghandu r-rappresentanza guridika tal-istess socjeta'.

Illi huwa ghalhekk ovvju li la darba l-istess citazzjoni attrici giet presentata fit-3 ta' Dicembru 1996, din saret fiz-zmien meta l-ebda wiehed mill-atturi ma kellu r-rappresentanza guridika tal-istess socjeta' u ghalhekk il-persuni kollha indikati bhala atturi qatt ma setghu jagixxu ghan-nom tal-istess socjeta' stante li l-ebda wiehed minnhom qatt ma kien vestit b'tali rappresentanza guridika, u wkoll ghaliex dan immur kontra id-disposizzjonijiet tal-att formattiv tal-istess socjeta', u fin-nuqqas tieghu tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 137 tal-Att XXV tas-sena 1995** li jvesti r-

rappresentanza tal-istess socjeta' f'idejn id-diretturi tal-istess.

Illi l-istess azzjonisti tas-socjeta' attrici kellhom diversi modi, salv dak li ser jinghad iktar il-quddiem, sabiex isibu rimedju ghal tali nuqqas ta' diretturi inkluz dak provdut *ai termini* tal-**artikolu 137** fejn kull membru setgha jitlob lill-Qorti sabiex hija tahtar direttur jew diretturi skond il-memorandum tal-istess socjeta', apparti li kull membru setgha issejjah *general meeting* sabiex jigu nominati diretturi taht id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 139 (4) u 141 tal-istess Att Dwar il-Kumpaniji.**

Illi dan apparti diversi disposizzjonijiet fl-istess **Att XXV tal-1995** li l-istess azzjonisti setghu jutilizzaw inkluz talbiet ghax-xoljiment tal-istess socjeta' maghmula lill-Qorti *ai termini* tal-**artikolu 214 (2) u l-artikolu 218 u** wkoll talba ghan-nomina ta' *provisional administrator* fil-kors ta' tali proceduri kif provdut fl-**artikolu 228** jew stralcarju li jiprezenta l-kumpanija fil-kors ta' tali proceduri ta' xoljiment tal-istess socjeta' skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att.

Illi dan qed jinghad apparti rimedji ohra li l-istess azzjonisti kellhom sabiex jirregolaw l-interessi taghhom fl-istess socjeta' skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 402 tal-istess Att** liema stipulazzjonijiet jaghtu lill-Qorti diversi fakultajiet inkluz li tidderigi lill-istess socjeta' u anke lill-membri taghha sabiex jipprocedu gudizzjarjament kontra terzi ghan-nom tal-istess socjeta'.

Illi minn dan il-membri ma ghamlu xejn u fin-nuqqas ta' dan kollu ma jidhirx li allura l-istess socjeta' tista' tistitwixxi azzjoni bla ma ghandha l-ebda persuna li tirrapresentaha skond kif pattwiet fl-att kostitutiv tal-istess kumpanija, u dan bla pregudizzju ghall-fatt li stante li jirrizulta mill-*Memorandum of Articles u Articles of Association* tal-istess socjeta' li hija naqset li taghmel it-tibdil necessarju sabiex taderixxi mad-disposizzjonijiet tal-istess **Att XXV** tal-1995 fit-termini hemm indikati, l-istess socjeta' tigi kunsidrata bhala *dissolved* jew xolta.

Illi ghalhekk in vista tal-premess l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut *di fronte* tas-socjeta' attrici ghandha tigi milqugha.

## *C.* L-ATTURI PROPJU MA GHANDHOMX *LOCUS STANDI.*

Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li l-atturi *qua* azzjonisti ma setghux jistitwixxu din il-kawza ghas-semplici raguni illi kull azzjoni talvolta relatata mal-assi socjali tispetta lis-socjeta' u mhux lill-azzjonisti.

Illi dwar dan il-punt l-istess konvenut isostni fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li l-atturi qed jitlobu li jithallsu danni stante li l-konvenut ipossessa ruhu min-makkinarju tal-istess socjeta' u ghalhekk tali azzjoni tispetta biss lill-istess socjeta'.

Illi fil-verita' mill-premessi tal-istess citazzjoni, anke ghaliex l-istess atturi ma gabu l-ebda prova kwalunkwe, jirrizulta li l-atturi Louis Cuschieri u Maria Dolores Aquilina qed jagixxu proprju fil-kwalita' taghhom ta' azzjonisti tal-istess socjeta' stante li qed jallegaw li l-konvenut ma ippartecipax izjed fl-istess socjeta' tant li lanqas attenda ghall-*general meetings* imsejjha, u minflok approprja ruhu illegalment min makkinarju tal-istess socjeta' bil-konsegwenza li l-istess socjeta' ma setghatx tonora l-obbligi taghha ma terzi sabiex tissuplixxi laham processat, liema xoghol fil-fatt inha mill-konvenut ghall- gwadan personali tieghu, b'mod li b'konsegwenza ta' dan l-istess socjeta' soffriet danni minhabba il-fatt li ma setghatx topera minghajr makkinarju, u *di piu'* l-konvenut arrikka ruhu indebitament bil-gwadann li ghamel mill-istess xoghol, li esegwieh ghalih personali minflok ghan-nom tal-kumpanija li kienet hadet l-istess xoghol.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni tal-avukat Dr. Raphael Fenech Adami fis-seduta tas-27 ta' Frar 1998 fejn sostna li l-oggetti u l-effetti mobbli imsemmija fil-korp tac-citazzjoni attrici huma proprjeta' tas-socjeta' attrici u in vista tal-fatt li fl-istess premessi tac-citazzjoni attrici hemm espressament dikjarat u ammess li t-telf ta' xoghol ghall-provista ta' laham processat lill-terzi kien konsegwenti ghall-ftehim milhuq mas-socjeta' attrici, isegwi li l-unika persuna li effettivament setghet soffriet danni, minhabba l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-konvenut li huwa ha l-istess makkinarju, uzah ghalih innifsu u wkoll ghamel xoghol

ghall-gwadann tieghu personali minflok tali xoghol sar a benifficcju tas-socjeta' attrici, kienet proprju l-istess socjeta' attrici.

Illi l-istess japplika ghall-kuncett ta' arikkiment indebitu allegat mill-atturi fil-konfront tal-konvenut, proprju minhabba l-fatt li r-relazzjoni ta' ftehim ta' terzi ghall-provista ta' laham processat kien sar effttivament u kif hemm ammess mal-istess socjeta' attrici, li kellha allegatament tkun il-persuna guridika unika li kellha d-dritt taghmel il-profitti taghha mill-istess xoghol.

Illi bhala tali ma hemm l-ebda dubju li hawn japplika l-principju li l-istess socjeta' debitament kostitwita *ai termini tal-Commercial Partnerships Ordinance* 1962 u illum taht l-**ATT XXV tal-1995** ghandha personalita' guridika distinta minn dik tal-membri taghha u dan skond l-**artikolu 4 (4)** tal-ahhar imsemmi Att jibqa' jissussisti sakemm l-istess socjeta' tigi *"struck off the register, whereupon the commercial partnership ceases to exist".*

Illi dan il-kuncett gie accettat mill-ordinament guridiku Malti tant li fis-sentenza **"Aristide Psaila et nomine vs Claude Michaud nomine"** (XXVIII.iii.1078 - 1933) inghad li:-

*"Le societa', specialmente quelle commerciali, ed in modo particilare le societa' anonime, sonno delle persone guiridiche distinte ed indipendenti da quelli dei singli soci che le compongono",*

Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza **"I. Anastasi vs J. Rossignaud nomine"** (XLII.i.255 – 1958) u cjoe' li:-

*"Skond il-ligi kummercjali taghna, ma hemmx dubju li s-socjetajiet kummercjali regolarment kostitwiti jikkostitwixxu personalita' legali diversa mill-personalita' individwali tal-membri li jikkomponuha; u ghalhekk, meta dawn is-socjetajiet jimpjegaw xi persuni maghhom, ikun huma stess, bhala aventi din il-personalita' guridika diversa li jkunu l-principal, u mhux il-membri li jikkomponuhom".* Tal-istess portata huma is-sentenzi **"V. Cauchi et nomine vs L. Frendo"** (XXXII.iii.539 – 1945) u **"J. Falla vs John H Sorotos"** (1968).

Illi dawn il-principji gew ri-affermati fil-kawza fl-ismijiet **"Cecil Pace proprju et vs Emanuel E. Bonello proprju et nomine"** (A.C. 31 ta' Lulju 1996 – LXXX.ii. 849) fejn inghad:

*"Illi l-azzjonist li ghandu sehem mill-kumpannija m'ghandux proprjeta' fl-assi tas-socjeta' ghaliex dawn jibqghu proprjeta' taghha in vista tal-personalita' guridika differenti taghha. L-azzjonisti individwali mhumiex partijiet f'azzjoni gudizzjarja istitwita minn, jew kontra s-socjeta', u tali azzjoni trid tigi istitwita minn jew kontra s-socjeta' mill-persuna jew persuni li ghandhom ir-rappresentanza guridika u dan bhala regola in generali li minnha hemm biss devjazzjoni f'istanzi specjali".*

Illi f'**Company Law** ta' Mayson, French & Ryan jinghad li:

*"The legal rights of a company belong to the company as a separate person and not to its members. The members of a company do not have standing to enforce its rights by legal action. As the Court of Appeal explained in "Prudential Assurance Co. Ltd. v Neman Industries Ltd. (No.2) it is an:-*

*"elementary principle that A cannot, as a general rule, bring an action against B to recover damages or secure other relief on behalf of C for an injury done by B to C. C is the proper plaintiff because C is the party injured, and, therefore, the person in whom the cause of action is vested. This is sometimes referred to as the rule in "Foss v Harbottle (1843) when applied to corporations, but is has a wider scope and is fundamental to any rational system of jurisprudence".* (page 579/580).

Illi dan ma jfissirx li l-membru jew azzjonista tal-istess socjeta' ma ghandux rimedji stante li hemm diversi kazi fejn ikun hemm dak li jissejjah bhala *'the lifting of the corporate veil",* u anke *derivative claims* taht il-ligi Ingliza, fejn membru jkun jista' jagixxi anke sabiex jipprotegi l-interessi tieghu taht l-istess socjeta' u anke sabiex jipprotegi id-drittijiet tal-istess socjeta', inkluz ghall-protezzjoni tad-drittijiet tal-azzjonisti minoritarji, u fil-fatt tali kazi huma illum ormai rikonoxxuti mhux biss gudizzjarjament bhala fil-kaz

tad-decizjoni fl-ismijiet **"E.P. Camilleri et nomine vs J.E. Mamo et nomine"** (22 ta' Novembru 1939) u **"Falla vs Sorotros"** (A.K. 12 ta' Marzu 1976) izda wkoll b'legislazzjoni *ad hoc* bl-**artikolu 402 tal-Att XXV tal-1995.**

Illi pero' l-azzjoni odjerna ma hijiex dik kontemplata taht id-disposizzjonijiet tal-istess artikolu appena citat fejn membru ta' kumpanija li jinkludi l-persuni specifikati fis-subartikolu (5) tal-istess artikolu jista' jagixxi u jitlob lill-Qorti sabiex jiehu dawk id-decizjonijiet opportuni inkluzi dawk specifikati taht is-subartikolu (3) tal-istess artikolu, izda hija azzjoni ta' danni li l-atturi proprju resqu fil-konfront tal-konvenut fil-kapacita' personali taghhom, meta jidher car mill-fatti esposti fic-citazzjoni u dikjarazzjoni attrici, u mid-dikjarazzjoni tad-difensur tal-atturi, li tali drittijiet u allegati danni u/jew arrikkiment indebitu allegat jostaw biss fil-persuna tas-socjeta' attrici u ta' hadd izjed. Dan ghaliex taghha huma l-oggetti li allegatament gew approprijati illegalment mill-konvenut, u il-ftehim tax-xoghol ma' terzi kien jispetta lilha *ut sic.*

Illi dan huwa iktar konkrettizzat mill-fatt li kif imposta l-azzjoni attrici l-istess atturi qed jaghmlu l-kawza ghad-danni u t-telf li soffrew proprju, mentri jidher car li la darba l-oggetti kienu tas-socjeta' attrici, l-allegati danni fil-konfront tal-istess setghu biss jigu sofferti mill-istess socjeta' attrici, tant li huwa ammess mill-istess atturi li hija l-istess socjeta' li minhabba f'hekk soffriet l-allegati danni u telf; fil-fatt din il-Qorti thoss li l-atturi huma ben konxji ta' dan stante li l-

azzjoni saret ukoll mis-socjeta' attrici, u mhux biss izda saret ukoll jidher mill-atturi "*ghall kull interess li jista' jkollhom".*

Illi ghalehkk anke din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha, stante li jirrizulta li dak li allega l-konvenut, li *"pretensjoni jew azzjoni relatata mal-assi socjali tispetta lis-socjeta' u mhux lill-azzjonisti taghha".*

Illi fil-fatt jista' jinghad li fic-citazzjoni kollha hemm konfuzzjoni bejn id-drittijiet tas-socjeta' attrici u tal-istess atturi fil-kwalita' personali taghhom, u dan juri wkoll l-istat ta' incertezza li l-atturi sabu ruhhom fiha sabiex jispjegaw il-presenza taghhom fil-kawza, stante li huwa car li l-allegati danni, jekk gew sofferti, gew sofferti jew mis-socjeta' attrici jew mill-atturi, proprju minhabba l-personalita' legali distinta tal-istess socjeta' mill-membri taghha.

**D. <u>NUQQAS TA' RELAZZJONI GURIDIKA.</u>**

Illi l-istess argumentazzjonijiet fuq premessi japplikaw *mutadis mutandis* ghat-tielet eccezzjoni tal-konvenut fejn qed jeccepixxi li ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-atturi fil-kwalita' taghhom personali.

Illi infatti l-ilment tal-atturi proprju huwa dirett lejn l-allegat fatt li l-istess konvenut ha l-makkinarju appartenenti lis-socjeta' attrici w uzah ghalih u ghall-vantagg tieghu innifsu

minflok ghal dak tas-socjeta' attrici, b'mod li din l-istess socjeta' ma setghetx tesegwixxi l-ftehim taghha ma terzi sabiex tissuplixxi lilhom laham processat, li minflok sar mill-konvenut li b'hekk ha l-qliegh spettanti lill-istess socjeta' u ghalhekk saret it-talba ulterjuri, apparti dik ta' danni, ghall-allegat arrikkiment indebitu.

Illi jidher car li fil-kuntest tal-istess il-legittimu kontradittur tal-konvenut hija proprja is-socjeta' attrici, li hija dejjem hija li jekk hemm danni soffriet l-istess u jekk kien hemm arrikkiment indebitu, dan sar fil-konfront taghha, peress li *ex admissis* hija l-proprjetarja tal-istess oggetti, u kif dikjarat mill-atturi fl-istess citazzjoni minnhom ipprezentata, lilha kien jispetta l-istess xoghol, u maghha sar il-ftehim ma terzi. Dwar il-posizzjoni tal-kumpanija din gja giet trattata taht l-ewwel eccezzjoni.

Illi ghalhekk anke din it-tielet eccezzjoni timmerita li tigi akkolta, anke peress li l-argument dwar il-garanzija personali li l-atturi u presumibilment l-azzjonisti l-ohra inkluz il-konvenut (li fl-ebda hin ma giet esebita) allegatament ghandhom fil-konfront ta' kredituri tal-istess socjeta' tikkoncerna ftehim li l-istess persuni lahqu ma' terzi, kredituri tal-istess socjeta', liema relazzjoni guridika ma hijiex il-mertu tal-kawza odjerna, u l-obbligazzjoni tal-atturi fejn ghandha x'taqsam l-istess garanzija ta' kull wiehed u wahda minnhom hija relazzjoni mal-istess terzi u mhux mal-konvenut.

Illi ovvjament l-atturi Joseph Aquilina u Maria Dolores Cuschieri ddahlu fil-kawza bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti mal-atturi proprju, u ghalhekk huwa ovvju li l-istess eccezzjonijiet tal-konvenut hawn trattati japplikaw ukoll fil-konfront taghhom.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq dettaljatament esposti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru 2001.**